ID-DIRETTORAT GHAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

# Intervisti ma' nies li jaħdmu fil-lokalità tagħna

## Fieldwork għar-Raba' Sena



Maħdum minn:

________________________________________

## INTRODUZZJONI



*Filwaqt illi fl-ewwel fieldwork tar-Raba' Sena tal-Primarja, l-enfasi kienet fuq l-ambjent fiżiku u l-ambjent mibni, issa nenfasizzaw iktar l-ambjent uman. Nintervistaw, fost l-oħrajn lil wieħed mill-mexxejja tal-lokalità tagħna, u lil xi wħud mill-ħaddiema u n-nies tas-sengħa li nsibu madwarna.*




## L-Ewwel Parti: Introduzzjoni

*Din il-parti tista' tinħadem id-dar jew fil-klassi.*

Immarka l-mappa skont l-istruzzjonijiet:

**Struzzjonijiet**:

a) Agħmel ċirku madwar il-belt ewlenija t'Għawdex.

b) Immarka l-Port tal-Imġarr f'Għawdex bis-sinjal (X).

ċ) Immarka bl-ittra (T) l-belt jew raħal fejn toqgħod int.

d) Aqta' sinjal dritt bil-bajrow u r-riga, mill-belt kapitali tal-gżejjer Maltin, sal-belt jew raħal li toqgħod fihom int.

## It-Tieni Parti: Persuna li Tgħinna fil-Lokalità Tagħna



**Aqra**: *Madwarna nsibu persuni li jgħinuna ħafna f'ħajjitna. Insemmu fost l-oħrajn is-sindku, il-kunsilliera, il-kappillan, il-mexxej tal-iScouts, il-pulizija, it-tabib u l-membri tal-MUSEUM u għaqdiet reliġjużi u sportivi oħra. F'din is-sezzjoni, wara diskussjoni bejn l-għalliem/a u l-istudenti, għandu jintgħażel WIEĦED minn dawn il-persuni biex issirilu intervista dwar ix-xogħol li tagħmel fil-komunità. L-għalliema jaraw huma jekk din l-intervista ssirx barra mill-iskola jew inkella fl-iskola stess.*

**A: L-Ewwel Intervista**:

| | Il-Profil tal-Persuna li tgħinna | |
|---|---|---|
| a | L-isem | |
| b | L-età | |
| ċ | Ix-xogħol li tagħmel fil-komunità | |
| d | L-impjegat/a jew voluntier/a | |

**Mistoqsijiet**:

1. Kemm ilek f'din il-kariga/xogħol?

_______________________________________________

2. Għidilna kif u għaliex dħalt għal din il-biċċa xogħol.

_______________________________________________

3. Kemm tiddedika ħin kuljum għax-xogħol tiegħek?

_______________________________________________

4. Fiex jikkonsisti prinċipalment ix-xogħol li tagħmel?

_______________________________________________

_______________________________________________

5. In-nies ġieli juruk li huma kuntenti bix-xogħol li tagħmel għalihom?

   Kif juruk dan?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

6. Semmi okkażjoni meta ddispjaċik minn xi deċiżjoni li ħadt.

   ______________________________________________

   ______________________________________________

7. Semmi waħda mid-diffikultajiet li għandek fix-xogħol tiegek bħalissa.

   ______________________________________________

   ______________________________________________

8. Semmi mod wieħed kif aħna l-istudenti nistgħu ngħinuk f'xogħlok:

   ______________________________________________

   ______________________________________________

## It-Tielet Parti: Il-Ħwienet fil-Lokalità Tagħna



**Aqra**: *F'kull lokalità nsibu diversi ħwienet li jagħtuna servizz. Fost l-oħrajn insemmu lil tal-merċa, tal-laħam, l-ispiżjar u taż-żebgħa. F'din is-sezzjoni, nidentifikaw sid ta' WIEĦED minn dawn il-ħwienet u norganizzaw sessjoni fejn l-istudenti jkunu jistgħu jintervistawh/a.*

*Din l-intervista tista' ssir jew barra mill-iskola jew inkella fl-iskola stess. Idealment issir fuq il-lant tax-xogħol minn fejn is-sid ikun qed joffri s-servizzi tiegħu/tagħha.*

**Intervista ma' sid ta' ħanut:**

| | **Il-Profil tas-Sid tal-Ħanut** | |
|---|---|---|
| a | L-isem | |
| b | L-età | |
| ċ | It-tip ta' ħanut | |

**Mistoqsijiet:**

1. Kemm ilek taħdem f'dan il-ħanut?

_______________________________________________

2. Għidilna kif u għaliex dħalt għal dan ix-xogħol.

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Semmi żewġ prodotti illi l-klijenti jistgħu jixtru mill-ħanut tiegħek:

   a)_____________________________________________

   b)_____________________________________________

4. X'inhuma l-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħanut tiegħek?

_______________________________________________

5. Is-Sibt u l-Ħadd tiftħu l-ħanut?

_______________________________________________

6. X'ħin jiġu l-iktar nies biex jixtru mill-ħanut tiegħek?

_______________________________________________

7. Min jiġi l-iktar jixtri mingħandek, tfal jew adulti?

___________________________________________________

8. Semmi xi ħaġa li tagħtik gost fix-xogħol tiegħek.

___________________________________________________

9. Semmi xi ħaġa li ddejjqek fix-xogħol tiegħek.

___________________________________________________

10. Semmi xi ħaġa li tistenna mingħandna l-istudenti.

___________________________________________________

___________________________________________________

## Ir-Raba' Parti: Il-Ħaddiema tas-Sengħa fil-Lokalità Tagħna



**Aqra**: *F'kull lokalità nsibu l-ħaddiema tas-sengħa. Illum normalment ma tantx għadna nsibu ħwienet tax-xogħol fl-irħula għaliex dawn jistgħu jagħmlu l-istorbju. Dawn il-ħwienet tax-xogħol x'aktarx issibhom fl-oqsma industrijali. Fost l-oħrajn nistgħu nsemmu l-mastrudaxxa, il-ħaddied, tal-aluminju, il-mekkanik u dak li jtella' d-daqqiet tal-karozzi.*

*F'din is-sezzjoni, nidentifikaw ħaddiem tas-sengħa u norganizzaw sessjoni fejn l-istudenti jkunu jistgħu jintervistawh dwar is-sengħa tiegħu. Din l-intervista tista' ssir jew barra mill-iskola jew inkella fl-iskola stess. Idealment issir fuq il-lant tax-xogħol minn fejn is-sid ikun qed joffri s-servizzi tiegħu lill-klijenti tiegħu.*

**Intervista ma' ħaddiem tas-sengħa:**

| | **Il-Profil tal-Ħaddiem tas-Sengħa** | |
|---|---|---|
| a | L-isem | |
| b | L-età | |
| ċ | Is-sengħa | |

**Mistoqsijiet:**

1. Inti taħdem għal rasek jew impjegat ma' xi ħadd ieħor?

______________________________________________

2. Kemm ilek taħdem f'din is-sengħa?

______________________________________________

3. Għidilna kif u għaliex tgħallimt is-sengħa tiegħek.

______________________________________________

4. Kemm tagħmel ħin kuljum fix-xogħol tiegħek?

______________________________________________

5. Is-Sibt u l-Ħadd taħdem?

______________________________________________

6. Liema hu l-prodott li l-aktar tħobb tagħmel? Għaliex?

______________________________________________

7. Kif tipprova ġġib lis-sengħa tiegħek 'il quddiem?

______________________________________________

8. Semmi xi ħaġa li tagħtik gost fix-xogħol tiegħek.

______________________________________________

9. Semmi xi ħaġa li ddejjqek fix-xogħol tiegħek.

______________________________________________

10. Semmi xi ħaġa li tistenna mingħandna l-istudenti.

______________________________________________

## Il-Ħames Parti: Is-Snajja' u x-Xogħlijiet tal-Imgħoddi



**Aqra**: *Hemm dawk li nistgħu nsejħulhom* ***SNAJJA' U XOGĦLIJIET TAL-IMGĦODDI****. Insemmu fost l-oħrajn: il-buttar, il-landier, il-ħaddied, il-bidwi, ir-raħħal, tal-barriera, is-sajjied, l-iskarpan, l-arluġġar, il-ħajjat, il-bennej, ir-ragħaj, il-furnar, tal-ħsajjar, dak li jsewwi l-vapuri, tal-pastizzi, tal-imqaret, tal-inbid u tal-qubbajd.*

*Ikun interessanti ħafna jekk nagħmlu intervista ma' xi mgħallem li għadu jipprattika xi waħda minn dawn is-snajja'. Jekk dan mhux possibbli għaliex fil-lokalità tagħna ma baqax minn dawn is-snajja', il-mistoqsijiet jistgħu jiġu mwieġba permezz tar-riċerka u b'mod fittizju. Jekk l-intervista tista' ssir jew barra mill-iskola jew inkella fl-iskola stess. Idealment issir fuq il-lant tax-xogħol tal-imgħallem.*

**Intervista ma' ħaddiem tas-sengħa:**

| | | |
|---|---|---|
| | **Il-Profil tal-Imgħallem tas-Sengħa** | |
| a | L-isem | |
| b | L-età | |
| ċ | Is-sengħa /x-xogħol | |

**Mistoqsijiet**:

1. Inti taħdem għal rasek jew impjegat ma' xi ħadd ieħor?

_______________________________________________

2. Inti taħdem *full-time* jew *part-time* fuq is-sengħa tiegħek?

_______________________________________________

3. Kemm ilek taħdem f'din is-sengħa?

_______________________________________________

4. Għidilna kif u għaliex tgħallimt is-sengħa tiegħek.

_______________________________________________

5. Kemm tagħmel kuljum fuq ix-xogħol tiegħek?

_______________________________________________

6. Is-Sibt u l-Ħadd taħdem?

_______________________________________________

7. Liema hu l-prodott li l-aktar tħobb tagħmel? Għaliex?

_______________________________________________

8. Kif tipprova żżommha ħajja s-sengħa tiegħek?

_______________________________________________

9. Semmi xi ħaġa li tagħtik gost fix-xogħol tiegħek.

_______________________________________________

10. Semmi xi ħaġa li ddejjqek fix-xogħol tiegħek.

__________________________________________

11. Semmi xi ħaġa li tistenna mingħandna l-istudenti.

__________________________________________

__________________________________________

## Is-Sitt Parti: L-Ipproċessar tal-Intervisti

**Aqra**: *Wara li jkunu saru l-intervisti, l-istudenti għandhom jirriflettu u jaraw din l-esperjenza xi tfisser għalihom. Dawn il-mistoqsijiet għandhom jgħinu f'dan l-ipproċessar.*



1. Mill-intervisti kollha li għamilna, liema għoġbitek l-iktar? Għaliex?

__________________________________________

__________________________________________

2. Liema xogħol tixtieq tagħmel meta tikber?

__________________________________________

3. Għaliex tixtieq tagħmel dan ix-xogħol?

__________________________________________

__________________________________________

4. Għaliex ix-xogħol huwa importanti għal kull bniedem?

__________________________________________

5. Hemm xi sengħa antika li tixtieq titgħallem biex tagħmilha fil-ħin liberu tiegħek?

______________________________________________

6. Taħseb illi l-persuni li intervistajna ħadu gost jew iddejqu? Għaliex taħseb hekk?

______________________________________________

**Pinġi xi ħaġa marbuta max-xogħol li tixtieq tagħmel meta tikber.**

## Estratt mill-pubblikazzjoni: *Social Studies Primary – a handbook*

Għall-assessjar marbut mal-aħħar tas-sena, l-għalliema tar-Raba', tal-Ħames u tas-Sitt Sena jistgħu jagħżlu li jaħdmu fuq **wieħed** minn dawn:

a) it-tieni fieldwork JEW

b) proġett

In-noti tat-tieni *fieldwork* ikunu jistgħu jitniżżlu biex jiġu stampati minn fuq is-sit tal-Istudji Soċjali: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt

Il-*fieldwork* jiġi assessjat mill-għalliema minn massimu ta' 20 marka. Il-marka mogħtija tkun tifforma parti mir-rapport tal-aħħar tas-sena mibgħut fid-djar tal-istudenti.

Il-*fieldwork* għandu jiġi assessjat fuq dawn il-kriterji:

| | | **Il-marki** |
|---|---|---|
| a | Il-parteċipazzjoni u l-ħila li jiġu segwiti l-istruzzjonijiet | **5** |
| b | L-osservazzjoni, l-identifikari u l-irrekordjar | **5** |
| ċ | L-interpretazzjoni tal-informazzjoni miġbura | **5** |
| d | Il-preżentazzjoni finali tad-dokument sħiħ | **5** |
| | IT-TOTAL | **20** |

**Tony Pace**

*Uffiċjal Edukattiv tal-Primarja*